**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Rikors Guramentat Nru: 412/2022 GG**

**BAVA Holdings Limited (C-61485) gia BAVA Holdings Limited**

**vs**

**CD Lifts Limited (C-95652)**

Kawza Nru: 5

Illum, 10 ta' Gunju, 2025.

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat tas-socjeta' attrici, BAVA Holdings Limited, ipprezentat quddiem din il-Qorti, diversament presjeduta, fid-19 ta' Mejju, 2022, bis-segwenti premessi u talbiet:

1. Illi b'kuntratt ta' bejn il-kontendenti tal-14 ta' Settembru 2021 is-socjeta' konvenuta obbligat ruhha li tipprovdi, tinstalla u ticcertifika *passenger lift* fil-kwartieri generali tal-Kunsil Lokali Marsaskala, u dan wara kuntratt pubbliku moghti lill-esponenti bin-numru ta' referenza KLM 2020/03.

2. Illi l-esponent hallset lill-konvenuta s-somma ta' €12,244.80 in linea ta' depozitu u kienet tenuta thallas il-pagament li jmiss *"on the notice of goods and full documentation ready to be dispatched"*

3. Illi s-socjeta' konvenuta obbligat ruhha li tipprovdi l-materjal u tezegwixxi x-xogholijiet kollha sal-15 ta' Diċembru 2021.

4. Illi sallum, il-*lift* baqa' ma giex provdut u ebda xogholijiet ma gew ezegwiti mill-konvenuta.

5. Illi s-socjeta' konvenuta intrabtet ukoll li thallas penali ta' hamsin Euro ghal kull jum ta' dewmien in linea ta' danni prelikwidati.

6. Illi l-esponenti baghatet tinfrorma lis-socjeta' konvenuta li l-kuntratt qed jigi terminat u sabiex thallasha lura d-depozitu mhallas minnha, oltre, kwalunkwe penali skond il-kuntratt tal-14 ta' Settembru 2021.

7. Ill minkejja din l-interpellanza, s-socjeta' konvenuta baqghet ma hallset xejn, u wisq anqas ipprovdiet il-materjal jew ezegwiet xi xogholijiet.

8. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza tallum.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi u ghal dawk kollha li jirrizultaw mehtiega fit-trattazjoni ta' din il-kawza, prevja kull dikjarazzjoni li tirrizulta mehtiega, l-esponent jitolbu bir-rispett li din il-Qorti joghgobha:

i. Tiddikjara li s-socjeta' konvenuta naqset fl-ezekuzzjoni tal-obbligi taghha skond il-kuntratt tal-14 ta' Settembru 2021 u konsegwentement tiddikjara l-istess kuntratt bhala terminant ghall-finiiet u l-effetti kollha tal-ligi.

ii. Konsegwentament tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-esponenti d-depozitu mhallas minnha fis-somma €12,244.80.

iii. Inoltre, tillikwida l-penali dovuti mis-socjeta' konvenuta, favur l-esponenti, ghad-dewmien fl-ezekuzzjoni tal-obbligi kontrattwali taghha, u dan skond l-imsemmi kuntratt tal-14 ta' Settembru 2021.

iv. Tikkundana lis-socjeta' konvenuta thallas lill-esponenti dawk il-penali hekk likwidati u dovuti.

Bl-Ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru 569/2022, u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-hlas effettiv kontra s-socjeta' konvenuta ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi mar-Rikors Guramentat.

Rat illi s-socjeta' konvenuta. CD Lifts Limited, ma ressqet ebda risposta minkejja li debitament notifikata bl-att promutur u bl-avviz ta' smiegh u dan permezz tal-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni;

Rat id-deposizzjoni permezz ta' affidavit tar-rapprezentanta tas-socjeta' attrici;

Rat l-atti kollha;

**Ikkunsidrat li:**

1. Din hija kawza li biha s-socjeta' attrici qed tfittex lis-socjeta' konvenuta ghar-rifuzzjoni ta' depozitu, likwidazzjoni ta' danni u penali giornalieri wara li l-istess socjeta' naqset milli tonora l-obbligi taghha konsistenti fil-forniment ta' *passenger lift* li s-socjeta' konveuta intrabtet illi tinstalla fil-proprjeta' ta' terzi in forza ta' kuntratt separat;

2. Illi minkejja li s-socjeta' konvenuta ma ressqet ebda risposta ghar-rikors guramentat tas-socjeta' attrici huwa palezament akkolt fil-gurisprudenza illi l-kontumacja ma tfissirx ammissjoni u li l-Qorti jehtieg xorta wahda tinoltra fill-mertu u tqis jekk it talbiet attrici jkunux jisthoqqu akkoljment jew le. In linea ma' dan il-principju, l-Qorti qieset il-provi mressqa mis-socjeta' attrici u tibda billi tezamina d-deposizzjoni tal-uniku xhud minnha mressqa, **Shannon Camilleri,** liema deposizzjoni nghatat permezz ta' affidavit;

3. Ix-xhud ddikjarat illi hija fl-impjieg tas-socjeta' attrici u tiehu hsieb progetti bhal dak mertu tal-kawza. BAVA Holdings Limited kienet dahlet f'obbligu kontrattwali mal-Kunsill Lokali ta' Marsascala sabiex tforni lil din tal-ahhar diversi servizzi fosthom l-istallar ta' *passenger lift* fil-bini l-gdid taghha. Ghal dan il-ghan kienet ottjeniet *quotation* minghand is-socjeta' konvenuta precedentement meta kienet saret sejha pubblika ghal dawn ix-xogholijiet. BAVA kienet ghaddiet is-somma ta' €12,244.80 lis-socjeta' konvenuta, rapprezentanti erbghin fil-mija tal-valur kif patwit. Minkejja diversi tentattiv sabiex issir *on site meeting* bil-ghan li jkunu konfermati l-qisien u d-dettalji tal-lift, dan baqa' ma sarax wara numru ta' posponimenti mir-rapprezentant tas-socjeta' CD Lifts Limited, Luciano Curti. Dan tal-ahhar naqas ukoll milli jwiegeb ghad-diversi sejhiet tas-socjeta' attrici rikjedenti informazzjoni dwar l-istatus tal-ordni ta' dan il-lift. Fis-26 ta' Jannar, 2022, Luciano Corti kien sa fl-ahhar wiegeb bil-konferma li l-lift kien fi stat li jkun trasportat u talab pagament iehor ta' erbghin fil-mija. Dan l-ammont, izda, ma kienx depozitat ghaliex il-ftehim kien jistipula tali hlas "*at the notice of goods and full documentation ready to be dispatched* ". Minkejja dan, is-socjeta' konvenuta regghet wiegbet billi baghtet fattura ohra ghall-dak l-ammont u ghalhekk is-sojceta' attrici ma nghatat ebda informazzjoni fosthomhom dwar il-*packing list* u it-trasportatur;

4. Fl-istess data tas-26 ta' Jannar, kienu konsenjati l-*guardrails* tal-lift lill-Kunsill Lokali izda dawn thallew hemm minghajr qatt ma kienu stallati. Mitlub jaddivjeni, Curti baqa' jinsisti li jehtieg li jkun mhallas l-erbghin fil-mija ohra qabel ma jghaddi xi informazzjoni. Wara insistenza, is-socjeta' konvenuta bghatet ittra biex tinforma lis-socjeta' attrici li l-materjal kien lest ghat-traspost izda s-socjeta' attrici ma setghetx tqis dan bhala prova ghaliex ma kien hemm xejn x'jindika li dan kien minnu, li t-trasportatur kien thallas u naqas ukoll milli jipprovdi *packing list*. Din is-sitwazzjon baqghet tissokta sakemm is-socjeta' attrici kellha tirrikorri ghall-proceduri legali u tittermina unilateralment l-appalt mertu tal-kawza peress illi f'dak l-istadju kienet waqghet lura mill-obbligi taghha versu l-Kunsill Lokali. Kosegwenza ta' dan id-dewmien, l-istess Kunsill Lokali ma setghax jottjeni l-awtorizazzjoni mehtiega mill-Kummissjoni ghad-Drottjiet ta' Persuni b'Dizabilita' bil-konsegwenza ulterjuri li ma setghax anqas japplika ghall-provvista ta' dawk ghal liema kellha tirmedja s-socjeta' attrici billi applikat ghall-provvista temporanja bi spejjes ghaliha. Wara x-xoljiment tal-appalt, s-socjeta' attrici kellha tfittex appaltatur iehor biex iforni l-lift patwit;

Ikkunsidrat:

5. L-obbligi u d-drittijet naxxenti mill-kuntratt tal-appallat huma mfissra b'mod palesi fil-gurisprudenza kopjuza tal-qrati taghna u din il-qorti taghmel referenza ghall-dik fl-ismijiet **Dr. Marco Ciliberti noe vs C. Fino & Sons Limited(C2468)**[1] bhala wahda siewja ghall-kaz in disamina. F'din is-sentenza l-Qorti tal-Appell kkonfermat id-decizjoni tal-ewwel Qorti li rriteniet, *inter alia*, illi:

> Fis-sistema legali nostrana huwa ben stabbilit li min jagħti x-xogħol jista' jagħżel li jħoll il-kuntratt meta jrid, anki jekk ix-xogħol ikun diġà beda[1] u li sabiex jinħall il-kuntratt, huwa suffiċjenti li l-appaltatur jingħata avviż ta' terminazzjoni tal-ftehim bilaterali eżistenti bejn il-partijiet, anki jekk dan isir bil-fomm. Dan il-prinċipju ta' dritt huwa deroga għall-prinċipju ewlieni li f'kuntratt bilaterali l-ebda waħda mill-partijiet ma tista' b'mod unilaterali tħoll rabta kontrattwali magħmula ma' parti oħra[2]. Fis-sentenza fl-ismijiet **Wayne u Helena konjugi Chetcuti vs. Raymond Borg**3 , ġie stabbilit illi:

[1] Artikolu 1640(1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
[2] Ara s-sentenza fl-ismijiet Barbara vs. Morana et, Kumm. 21.10.1954.
[3] P.A., 29.09.2011. App. Ċiv. 1013/14/1

[1] Rikors Nru 1013/2014 LM deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25.10.2023

"Il-qofol ta' tali jedd huwa l-aspett unilaterali tiegħu u jidher li tali jedd huwa mibni fuq dak li jiddisponi l-artikolu 1671 tal-Kodiċi Ċivili

Taljan. Kif ġie mfisser f'dan il-kuntest, 'tale diritto puo essere fatto valere senza darne giustificazione alcuna e senza necessità di accettazione dell'altro contraente, trattandosi di recesso ad nutum, che si perfeziona con la notizia datane all'appaltatore e al prestatore d'opera, e che può essere esercitato in qualsiasi momento successivo alla conclusione del contratto, e quindi, sia quando le opere non abbiano avuto ancora inizio, sia nel corso della loro esecuzione, sia in epoca prossima al loro compimento.'

Illi madanakollu, f'każ bħal dan, tgħodd ħafna r-raġuni għaliex il-kommittent jagħmel għażla bħal din: jekk ikollu raġuni tajba biex itemm l-appalt, il-kommittent għandu xorta waħda jħallas lill-appaltatur somma li tagħmel tajjeb għall-ispejjeż li jkun nefaq l-appaltatur u l-valur tax-xogħol, wara li jittieħdu b'qies l-utilità li dak ix-xogħol mitmum ikun għall-kommittent minħabba r-raġuni li għaliha jkun qatagħha li jtemm l-appalt. Jekk, min-naħa l-oħra, il-kommittent ma jkollux raġuni tajba għaliex ikun temm l-appalt, huwa jkun irid iħallas lill-appaltatur somma li ma taqbiżx l-ispejjeż kollha li dan ikun nefaq u l-valur tax-xogħol mogħti, flimkien ma' somma oħra meqjusa mill-Qorti bħala dik li ma tkunx ogħla minn kemm kien ikun il-qligħ tal-appaltatur mill-appalt li kieku tħalla jagħmlu kollu. Illi dwar il-kwestjoni tar-raġuni għaliex l-appalt intemm, jingħad li huwa meqjus li dak li jikkostitwixxi raġuni tajba biex appalt jitwaqqaf mill-kommittent qabel il-waqt jista' jinġabar taħt il-kappa tan-nuqqas ta' twettiq tal-kuntratt. ... bi qbil ma' dak li għadu kemm issemma', joħroġ li tali nuqqas jista' jseħħ jew bl-għoti ta' xogħol ħażin u mhux skont is-sengħa; jew bl-għoti ta' xogħol li, għalkemm fih innifsu jkun sar tajjeb, ma jkunx dak li ġie mitlub jew miftiehem; jew bin-nuqqas ta' twettiq f'waqtu jew mogħti b'dewmien esaġerat jew lil hinn miż-żmien miftiehem ...";

4. Ezaminati l-provi mill-ottika ta' dan l-insenjament hija raguni tajba ghax-xoljiment dik mressqa mis-socjeta' attrici konsistenti fid-dewmien inspjegabbli da parti tal-appaltatur. IL-Qorti ezaminat id-dokumenti kollha mressqa mis-socjeta' kommittenti u hija sodisfatta li dak kollu ddikjarat minnha u mix-xhud taghha jiswa' bhala prova konvincenti.

5. Jemergi mill-provi mressa, inkluz il-kuntratt ta' appalt mill-klawsola numru 4.1, illi xoghol kellu jitlesta sal-15 ta' Dicembru, 2021[2] [anke jekk il-"commencement date" u il-"completion date" huma l-istess, huwa evidenti li dan huwa lapsus u ta' ebda konsegwenza ghall-kwistjoni odjjerna]. Fit-termini tal-klawsola numru 4.3 il-kommittent ghandu l-jedd li jittermina l-appalt f'kaz ta' inadempjenza dovuta ghas-subappaltatur, liema terminazzjoni tista' ssir bi kwalunkwe mezz inkluz dak verbali segwit b'avviz bil-miktub.[3] Dal ir-rekwizit kien ukoll mwettaq permezz ta' email datata 8 t'April, 2022 li hija ezebita bhala Dokument M a fol 342 tal-atti

6. Illi kwantu l-penali invokat mis-socjeta' kommittenti, l-klawsola numru 4.2 (ii) tal-kuntratt taghti l-jedd lis-socjeta' attrici: "*To demand from the Sub-Contractor the payment of "fifty Euro" (€100) [sic] for each calender day of delay, which sum shall be due from the Sub-Contractor to the Contractor as conventionally pre-liquidated damages for the mere delay, and which damages shall not be subject to abatement or reduction by any court or tribunal*"[4] . In kwantu dan, ix-xhud Shannon Camilleri iccarat illi minkejja li din il-klawsola tirreferi ghas-somma ta' hamsin euro fi kliem miktubin u mitt euro f'figuri, l-ammont miftiehem kien fil-fatt ta' hamsin euro (€50) ghall-kull jum ta' nuqqas. Isegwei ghallhekk illi l-ammont dovut lis-socjeta' attrici bhala danni prelikwidati ghandu jkun kalkolat mill-15 ta' Dicembru, 2021 sat-8 t'April, 2022 ossia id-data li fiha kellhom jitlestew ix-xogholijiet sadd-data tat-terminazzjoni bil-miktub fl-ammont komplessiv ta' mija u erbghatax-il jum (114) li jekwivali ghas-somma ta' € 5,700.00;

7. Illi s-socjeta' attrici ressqet ukoll dokumentazzjoni mill-kont bankarju taghha biex turi li fil-fatt kienet hallset is-somma ta' €12,244.80[5]. Stante illi s-socjeta' attrici ma ghamlet ebda uzu mill-*guardrails* suppliti mis-sub appaltatur, mhu ser jitnaqqas ebda ammont rapprezentanti l-valur taghhom;

**Decide:**

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qed tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici u konsegwentement:**

[2] Ara dik il-parti tal-kuntratt a fol. 8 tal-atti
[3] Ara dik il-parti tal-kuntratt a fol 8 tal-atti
[4] Ara dik il-parti tal-kuntratt a fol 9 tal-atti.
[5] Ara fol 20 tal-atti

1. Tiddikjara li s-socjeta' konvenuta naqset fl-ezekuzzjoni tal-obbligi taghha skond il-kuntratt tal-14 ta' Settembru 2021 u tiddikjara l-istess kuntratt bhala terminant ghall-finiiet u l-effetti kollha tal-ligi.

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici d-depozitu minnha mhallas fis-somma €12,244.80.

3. Tillikwida l-penali dovuti mis-socjeta' konvenuta, favur is-socjeta' attric ghad-dewmien fl-ezekuzzjoni tal-obbligi kontrattwali taghha, fis-somma ta' €5,700.00.

4. Tikkundana lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici il-penali fis-somma ta' €5,700.00.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru 569/2022, u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-hlas effettiv.

---

Onor. Dr. Giovanni M Grixti
Imħallef

---

Nicole Cini

Deputat Reġistratur